MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 1596/2001/1

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fl-24 ta’ Marzu 1990 fil-knisja ta’ l-Ibragg u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal minuri, Michaela u Carla li llum ghandhom seba’ u hames snin rispettivament;

Peress illi dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment minhabba sevizzi, mohqrija u inkompattibilita’ ta’ karattru da parti tal-intimati;

Peress ili l-hajja konjugali giet reza impossibli;

Peress illi l-intimat ghandu jmantni lill-uliedu kif hu obbligat jaghmel skond il-ligi;

Peress illi s-Sekond' Awla diga' tat l-awtorizzazzjoni taghha ghall-istituzzjoni ta' dawn il-proceduri, permezz ta' zewg digrieti – Digriet Numru 1516/00 u Digriet Numru 1518/00, t-tnejn tas-26 ta' Ottubru 2000, hawn annessi u rispettivament immarkati Dok A u Dok B;

Peress illi l-attrici trid tissepara minn ma' zewgha l-konvenut, u tinghata l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri, u li tigi xolta, diviza u likwidata l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u li zewgha jivversalha dawk l-alimenti opportuni ghall-manteniment ta' uliedhom minuri;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, kif ukoll dawk li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn A B u zewgha konvenut C B ghal ragunijiet imputabbli ghall-istess C B, senjatament minhabba sevizzi u mohqrija u, in subsiduum, ghaliex iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri taghhom f' idejn l-attrici, bid-dritt ta' access ghal missierhom il-konvenut C B;

3. Tiffissa r-retta alimentarja ghal uliedha Michaela u Carla ahwa B, liema retta alimentarja m' ghandhiex tkun inqas minn Lm50 fil-gimgha;

4. Tordna li d-dar matrimonjali proprjeta' taz-zijiet tal-attrici, cioe' Elmo, Flat 4, Qawra Road, Qawra ghandha tibqa' r-residenza tal-attrici u ta' uliedha ad eskluzzjoni ta' zewgha C B;

5. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti gia' ezistenti bejn il-partijiet, tifridha mill-assi partikolari tal-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f'

zewg porzjonijiet u tassenja parti mill-istess lill-attrici u parti ohra lil zewgha u dana okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

6. Tinnomina kontra l-konvenut il-provvedimenti tal-Artikli 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi l-ewwel talba tal-attrici ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali ma hijix opposta b' dan pero' illi kienet l-istess attrici illi gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti.

2. Illi t-tieni talba hija opposta billi l-imgieba tal-attrici hija tali illi ma tistax tigi affidata bil-kura u l-kustodja tat-tfal minuri.

3. Illi t-tielet talba attrici ghal hlas tal-manteniment hija opposta billi l-attrici m' ghandhiex il-kura u kustodja tat-tfal u talli hija logikament u gjuridikament anterjuri ghall-hlas tal-maneniment.

4. Illi r-raba' talba hija opposta billi l-kera hija f' isem il-konvenut sa minn qabel iz-zwieg u dan kif ser jigi ppruvat waqt l-kors tal-kawza u in oltre bl-ebda mod ma ta' lok ghal xi ordni ghall-izgumbrament tal-istess.

5. Illi t-talba ghall-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti mhijix opposta b' dan pero' illi jigi ppruvat liema huma l-oggetti dotali jew parafernali tal-attrici, u b' riserva fis-sens illi l-konvenut ma huwiex fil-pussess ta' kwalunkwe gid ta' l-attrici, b' riserva ulterjuri illi f' kaz illi l-attrici tigi eventwalment dikjarata illi ddekadiet mid-dritt taghha fl-akkwisti maghmula principalment bil-hidma tal-konvenut, tali dekadenza tigi applikata fid-divizjoni eventwalment ordnata billi jigu identifikati l-oggetti hekk

akkwistati wara d-data illi fiha l-attrici tigi misjuba li kienet hatja tal-firda.

6. Illi is-sitt talba hija opposta stante l-fatt illi kienet l-istess attrici illi gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u ghalhekk ma hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Ligi citati mill-attrici u di piu l-attrici ddekadiet minn porzjoni sostanzjali tal-gid komuni.

Rat il-kontro talba tal-konvenut rikonvenzjonant, li tinsab a fols.46 sa 50 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur rikonvenzjonat, li tinsab a fol.52 sa 54 tal-process;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, u l-affidavids prezentati;

Rat ir-relazzjonijiet tal-perit legali[1] l-Avukat Dottor Mark Chetcuti, tal-perit arkitett[2] Valerio Schembri[3] u tal-perit tekniku Vincent Ciliberti, kif ukoll tas-social worker Stephanie Caruana, minnhom debitament mahlufa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet liz-zewg minuri kameralment;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob min din il-Qorti s-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, imputabbli lill-istess konvenut, kif ukoll ghaliex iz-zwieg ta’ bejn il-partijiet tkisser irrevokabbilment.

---

[1] Fol.693 *et seq.*
[2] Fol.626 *et seq.*
[3] Fol.640 *et seq.*

Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li rrespinga kull allegazzjoni ta' tort da parti tieghu, jattribwixxi t-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg lill-attrici, u ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap precitat, imputabbli lill-istess.

Il-partijiet talbu wkoll li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**
Mill-provi jirrizulta nkontestat li l-partijiet izzewgu fl-24 ta' Marzu 1990, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal, Michaela u Carla li twieldu rispettivament fil-21 ta' Jannar 1994 u fis-6 ta' Lulju 1996.

Sfortunatament il-partijiet irriskontraw problemi fil-hajja konjugali li wasslu ghall-isfaxxament ta' l-istess, bir-rizultat li f' Dicembru 2001 il-konvenut, flimkien maz-zewg ulied minuri, telaq mid-dar konjugali; u dan fil-mori tal-proceduri odjerni li gew istitwiti fl-1 ta' Ottubru 2001, u wkoll wara li permezz ta' digriet[4] moghti mill-Onorabbli Qorti tas-Sekond' Awla Civili fis-26 ta' Novembru 2001 il-konvenut kien gie akkordat il-kura u kustodja taz-zewg ulied, b' access regolat favur l-attrici.

Illi in sostanza l-allegazzjoni principali ta' l-attrici tal-fatturi li kkagunaw it-tifrik taz-zwieg taghhom, hija li matul il-hajja konjugali l-konvenut naqas li jerfa' r-responsabbilita' tal-hajja mizzewga b' mod li l-oneru waqa' kollu fuq l-attrici. Hija tiddeskrivi lill-konvenut bhala bniedem egoist u ghazzien, kif ukoll irresponsabbli fejn jidhlu l-flus. Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jichad dawn l-allegazzjonijiet, jsostni li l-kawza vera tat-tikfrik taz-zwieg taghhom kienet ir-relazzjoni adulteruza li l-attrici kellha ma ragel iehor 'AB' identifikat b' ismu.

Illi din il-Qorti, wara ezami rett tal-provi in propositu u debita riflessjoni, tikkondividi l-konsiderazzjonijiet tal-perit legali, u konkluzjoni raggjunta minnu u taqbel li "ir-raguni

[4] Fol.38. Dan id-digriet kien inghata wara li dik l-istess Qorti kienet ezaminat ir-rapport tas-social worker Stephanie Caruana nominata minnha [fols. 25 *et seq*.]

principali, jekk mhux l-unika ghall-falliment ta’ dan iz-zwieg kienet ir-relazzjoni extra matrimonjali li l-attrici kellha ma’ [AB] waqt li kienet ghada tghix mal-konvenut u ma kienux ghadhom separati de facto. Infatti jidher li mill-1997 nibtet hbiberija bejn l-attrici u dan [AB] li sas-sena 2000 zgur li kienet saret wahda intima.”[5] Il-provi jissufragaw din il-konkluzzjoni.

Il-Qorti tikkondividi wkoll il-konsiderazzjonijiet fattwali maghmula mill-perit legali rigwardanti l-allegazzjonijiet attrici fil-konfront tal-konvenut. Jigi ribadit li, apparti mill-fatt li dawn l-allegazzjonijiet gew michuda minnu, dawn ma sibux riskontru fil-provi bhala fatturi li wasslu jew li kkontribwew ghat-tifrik taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet. Kif korrettament osservat mill-istess perit legali, ma jirrizultawx nuqqasijiet da parti tal-konvenut li kienu tant serji li jikkostitwixxu raguni valida fil-ligi li jwasslu ghal jew jikkontribwixxu ghas-separazzjoni personali.

Apparti minnhekk, il-premura u l-kura li ha l-konvenut taz-zewg uliedhom minuri matul il-proceduri twal tas-separazzjoni tat-tfal minuri taghhom, iddghajjef serjament l-allegazzjoni attrici ta’ rresponsabilita’ u egoizmu da parti tieghu, u tkompli ssahhah it-tesi tal-konvenut.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li r-responsabbilita’ ghat-tifrik taz-zwieg in disamina tirrisjedi esklussivament fuq l-attrici fit-termini ta’ l-artikolu 38, in kwantu ghall-adulterju, u l-artikolu 40, in kwantu li l-istess jikkostitwixxi wkoll ingurja gravi fil-konfront ta’ zewgha l-konvenut. Din il-htija timporta tassattivament id-dekadenza kontemplata fl-artikolu 48 tal-Kap.16 applikat fl-intier tieghu.

**Kura u Kustodja**

Illi l-ulied tal-partijiet, Michaela u Carla, minorenni, ghadhom jghixu ma’ missierhom il-konvenut li ghandu l-kura u kustodja taghhom, bid-dritt ta’ access favur l-omm; u dana kif stabbilit mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fid-digriet tas-26 ta’ Novembru 2001.

[5] Fols.710 - 711

Illi in materja jimpera l-principju kardinali li l-interessi tal-minuri jipprevalu fuq dawk tal-genituri taghhom; u l-Qorti ghandha tfittex l-aqwa vantagg u utilita' tat-tfal. Il-Qorti hi tal-fehema li fil-kaz in disamina ma hemmx dubju li l-interess tat-tfal jirrikjedi li dawn jibqghu jghixu mal-missier b' access favur l-omm. Din il-konkluzjoni hija bazata fuq il-konsiderazzjoni li mill-provi jirrizulta car li l-missier jista' joffri stabblilita' akbar lit-tfal li minn naha taghhom llum jinsabu kuntenti jghixu mal-missier u jaraw lil ommhom waqt il-hin ta' l-access

Rigward l-modalita' ta' l-access ghall-attrici, il-Qorti tikkondividi dak stabbilit mill-perit legali, u li huwa wkoll konformi max-xewqat tat-tfal; u ghalhekk tordna li l-access ta' l-omm ikun kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erba' mill-4.00 pm sas 7.00 pm u kull nhar ta' Gimgha mill-4.00 pm sas-Sibt 6.00 pm.

Inoltre tordna li l-Milied u l-Ewwel tas-Sena jinqassmu alternattivament bejn il-genituri, filwaqt li fl-l-Ghid l-access ta' l-omm ikun mit-3.00 pm sas-7.00 pm.

Jigi ribadit li l-interessi tal-minuri jipprevalu, u ghalhekk il-hinijiet hawn stabbiliti ghandhom icedu quddiem l-impenji kurrikulari u sportivi tal-minuri; u l-Qorti tirriserva li tipprovdi ulterjorment fuq applikazzjoni ad hoc ta' xi wahda mill-partijiet fir-rigward, jekk ikun necessarju.

Il-Qorti tordna wkoll li hadd mill-partijiet ma jesponi lill-minuri ghall-presenza ta' terzi persuni tas-sess oppost li ma jkunux membri tal-familja taghhom, kif ukoll hbieb 'specjali' ta' l-istess partijiet. Tordna wkoll li l-minuri m'ghandhomx jkunu prezenti ghal festi [parties] intizi ghall-adulti.

**Manteniment**

Illi kif fuq stabbilit, l-attrici ddekadiet mid-dritt taghha li titlob manteniment ghaliha minghand il-konvenut; filwaqt li d-dritt tal-konvenut li jitlob manteniment minn martu ghalih qed jigi affermat stante li ma' ghandux htija ghas-separazzjoni personali, izda fic-cirkostanzi mhux qed jgi

stabbilit ebda manteniment ghalih, stante li huwa jahdem bi qligh.

Illi mid-deposizzjonijiet mghotija mill-partijiet fl-1 ta' Marzu 2006 quddiem din il-Qorti, jirrizulta li l-attrici tippercepixxi qligh nett mensili ta' Lm290, fiwaqt li l-konvenut jippercepixxi nett mensili ta' Lm335.

Tenut kont tal-premess, kif ukoll tal-fatt li mill-provi jirrizulta car li l-attrici hija persuna li ghandha certu potenzjal li tahdem u kapaci tiggenera ntroitu akbar milli ghandha llum, il-Qorti thoss li rebus sic stantibus l-attrici ghandha tikkontribwixxi ghall-manteniment taz-zewg uliedha minuri, fis-somma ta' mija u sittax-il Ewro u hamsin ewro centezmu [€116.50] ekwivalenti ghall-hamsin lira maltin [Lm50] kull wild minuri, billi thallas lill-konvenut l-ammont globali ta' mitejn u tlieta u tletin Ewro [€233] ekwivalenti ghall mitt lira maltin [Lm100] fix-xahar.

**Dar Matrimonjali**

Illi in propositu din il-Qorti ma tikkondividix il-konkluzjoni tal-perit legali; u dan stante li mill-provi jirrizulta car li l-attrici hija esklussivament hatja ghat-tifrik taz-zwieg u ghas-separazzjoni konsegwenzjali bl-akbar offiza gravi li konjugi jista' jaghmel lill-konjugi l-iehor, bil-vjolazzjoni ta' wiehed mill-obbligi essenzjali ghall-hajja matrimonjali, cioe' dak tal-fedelta'.

Ghaldaqstant huwa gust u ekwu li l-konvenut flimkien ma' uliedu jigi awtorizzat jghix fid-dar konjugali Elmo flat 4 Qawra Road Qawra ad eskluzjoni ta' martu l-attrici, u dan in virtu ta' u b' applikazzjoni ta' l-artikolu 55A tal-Kap.16; u li konsegwentement l-inkwilinat tal-fond jibqa' jghajjat lilu kif kien mill-bidu nett.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

*Socjetajiet u Negozji*

Illi formanti parti l-komunjoni ta' l-akkwisti llum hemm ezistenti s-socjetajiet Flipper Trading Company Limited u Marang Holdings Limited li fil-mori tat-tilwim matrimonjali n-negozju gestit minnhom mar lura b' mod li llum s-socjetajiet ghad ghandhom djun fuqhom. Fil-mori tal-

proceduri nbieghet bis-subbasta proprjeta’ appartenenti lill-komunjoni ta’ l-akkwisti sabiex jigu sodisfatti kredituri li fil-fatt huma parentati mill-qrib ma’ l-attrici. Il-perit legali josserva li n-negozju beda sejjer lura minhabba traskuragni da parti ta’ l-attrici meta beda t-tilwim matrimonjali serju. Minn naha l-ohra pero’ jirrizulta car ghal din il-Qorti li kienet l-attrici l-protagonista ewlenija fit-tmexxija ta’ dawn in-negozji, anke b’ sostenn finanzjarju sostanzjali minn membri tal-familja taghha; u l-fatt li proprjeta’ tan-negozju mbieghet b’ subbasta taht l-awtorita’ tal-Qorti biex jitnaqqas id-dejn ma jistax jigi validament promoss bhala wiehed li ppregudika llegalment lill-konvenut.

Ferm il-premess il-Qorti tikkondividi l-konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali f’ dan ir-rigward u li jinsabu a fols.716 sa 718 tal-process li kopja taghhom qieghda tigi annessa mal-gudizzju odjern [Appendici ‘A’]; salv ghal dik il-parti li tirrigwarda l-kirja tal-fond matrimonjali fuq indikat.

Ghaldaqstant din il-Qorti qed tassenja lill-attrici l-ishma li fadal tal-komunjoni fil-Flipper Trading Company u Marang Holdings Limited, u tassumi hi esklussivament fejn hu applikabbli d-djun kollha li ghalihom il-komunjoni hi responsabbli fil-konfront tal-kredituri; b’ tal mod li l-konvenut ma jiehu xejn mill-imsemmija socjetajiet, ghajr ghal dak li ser jinghad aktar l-isfel dwar il-vettura Pajero, pero’ bl-ebda mod ma jkun responsabbli ghal xi parti mid-dejn rimanenti mal-banek jew terzi fil-konfront tan-negozju.

*Ghamara*
Illi anke f’ dan ir-rigward il-Qorti qed taddotta fl-intier taghhom il-konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu a fols.719 sa 720 tal-process li kopja taghhom qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern biex tifforma parti mill-istess [Appendici ‘B’].

Jigi osservat ulterjorment li l-Qorti tibbaza l-konkluzjonijiet taghha fuq dak li jirrizulta sodisfacentement provat, u ghalhekk taqbel mal-perit legali fejn qal li, fin-nuqqas ta’ qbil, huwa ghandu jistrih biss fuq l-elenku tal-mandat ta’

deskrizzjoni li wara kollox hu rimedju specifiku mghoti mill-ligi sabiex parti tikkawtela l-posizzjoni taghha f' kazijiet simili.

*Vettura*
Illi mill-provi jirrizulta li fis-sena 1998 inxtrat il-karrozza tal-marka Mitsubishi numru FLP111 li llum tinsab registrata fuq Marlene B, omm il-konvenut. Jirrizulta li din il-vettura dejjem instaqet mill-konvenut u ghadha fil-pussess tieghu.

In propositu, il-Qorti tenut kont tal-fatt li l-attrici hija unikament hatja tas-separazzjoni personali, kif ukoll tal-fatt li gie kkonsenjat lilha sehem il-konvenut mill-kumpaniji u negozju tal-komunjoni, u wkoll tenut kont tal-fatt li l-attrici ilha mis-sena 2001 tghix fid-dar matrimonjali u tgawdi l-istess; il-Qorti qed tassenja s-sehem ta' l-attrici f' din il-vettura lill-konvenut, b' mod li l-proprjeta' taghha tghaddi fl-intier taghha fil-konvenut.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba limitatament billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet; u dan ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-istess attrici;

[2] tichad it-tieni talba; u tafda l-kura u kustodja ta' l-ulied minuri Michaela u Carla lill-konvenut bid-dritt ta' access ghall-attrici; kollox kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata "Kura u Kustodja";

[3] tichad it-tielet talba;

[4] tichad ir-raba talba;

[5] tilqa' l-hames talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni ta' l-istess kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni "Komunjoni ta' l-akkwisti";

[6] tichad is-sitt talba;

Tiddecidi dwar il-kontro talba tal-konvenut billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-attrici, u dan b' effett mill-ahhar ta' Gunju 2001;

[2] tilqa' t-tieni talba konsegwenzjali;

[3] tilqa' t-tielet talba, u tafda l-kura u kustodja taz-zewg minuri bid-dritt ta' access ghall-attrici, kif gja fuq deciz;

[4] tilqa' ir-raba talba limitatament fis-sens li [a] tafferma d-dritt tal-konvenut li jesigi manteniment minghand l-attrici jekk dan jisfa' minghajr mezzi adegwati; u [b] tordna lill-attrici thallas lill-konvenut somma mensili ta' mija u sittax-il Ewro u hamsin ewro centezmu [€116.50] ekwivalenti ghal hamsin lira maltin [Lm50] ghal kull wild minuri [b' kollox Lm100] bhala manteniment kif fuq stabbilit taht is-sezzjoni ntestata "Manteniment";

[5] tilqa' il-hames talba u tapplika fl-intier tieghu l-artikolu 48 tal-Kap.16 fil-konfront ta' l-attrici;

[6] tilqa' s-sitt talba fis-sens gja fuq deciz;

[7] tilqa' s-seba talba kif stabbilit fis-sezzjoni ntestata "Komunjoni ta' l-akkwisti";

[8] tilqa' t-tmien talba, u tawtorizza lill-konvenut jghix fil-fond "Elmo" flat 4 Qawra Road Qawra ad eskluzjoni ta' l-attrici li minn issa qieghda tigi ordnata sabiex tallontana ruhha minn dan il-fond mhux aktar tard mit-30 ta' Gunju 2008;

[9] tilqa' d-disa' talba;

[10] tichad is-seba talba, stante li ma jirrizultax l-element tal-pregudizzju gravi rikjest mill-ligi ghall-applikazzjoni ta' l-artikolu 62[2] tal-Kap.16

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-azzjoni kif ukoll tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati unikament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------